

Brussell, 23 ta' Marzu 2022  
(OR. fr)

7331/22

CLIMA 120  
ENV 252  
AGRI 109  
FORETS 18  
ONU 41  
CODEC 334

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Il-Pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" : aspetti agrikoli tar-rieżami tar-Regolament LULUCF <i>Skambju ta' fehmiet</i>

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż nota mill-Presidenza dwar is-suġġett ta' hawn fuq li għandha tiġi ttrattata fil-laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd fis-7 ta' April 2022.

**Nota ta' informazzjoni mill-Presidenza għall-Kunsill Agrikoltura u Sajd tas-7 ta' April 2022**

*Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-konformità, l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030 u l-impenn għall-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika sal-2035 fis-settur tal-użu tal-art, tal-forestrija u tal-agrikoltura, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami.*

F1-14 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-pakkett leġislattiv komprensiv "Lesti għall-mira ta' 55 %" bil-għan li l-UE tkun tista' tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbel mal-livelli tal-1990, li huwa l-ewwel stadju qabel tinkiseb in-newtralità klimatika mmirata sal-2050.

Filwaqt li s-setturi kollha tal-ekonomija ser ikollhom jikkontribwixxu għal din il-mira, ir-rwol tal-agrikoltura u tal-forestrija, kemm bħala sors ta' gassijiet serra kif ukoll bħala bjar naturali tal-karbonju, ser ikun kruċjali biex tinkiseb in-newtralità karbonika sal-2050.

F'dan il-kuntest, ir-rieżami tar-Regolament dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra mill-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) għandu l-għan li jreġġa' lura x-xejra attwali għat-tnaqqis ta' bjar tal-karbonju f'dan is-settur.

Għall-perijodu 2026-2030, il-proposta tippredvi d-distribuzzjoni ta' mira **globali għall-2030 ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub> ta' assorbiment nett ta' gassijiet serra fl-Unjoni bejn l-Istati Membri fil-forma ta' miri nazzjonali annwali**. Mill-2031 'il quddiem, l-emissjonijiet tal-agrikoltura minbarra s-CO<sub>2</sub> (attwalment koperti mir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESR)) u s-settur attwali tal-LULUCF għandhom jinġabru flimkien f'pilastru tal-AFOLU ġdid<sup>1</sup>, b'mira ta' **newtralità klimatika applikabbli fil-livell tal-UE fl-2035**.

Saru tliet dibattiti ta' orjentazzjoni (Ottubru, Diċembru 2021 u Marzu 2022) fil-Kunsill Ambjent. Dan id-dokument ippreżentat lill-Kunsill Agrikoltura huwa maħsub biex jikkontribwixxi għad-diskussjonijiet li għaddejjin, f'konformità mal-ħidma mwettqa matul ir-rieżami tal-Politika Agrikola Komuni, u fil-kuntest tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, l-Istrateġija għall-Bijodiversità u l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030.

\*\*\*

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet qed jiġi propost li d-dibattitu jiġi strutturat fuq il-punti li ġejjin :

- 1. Armonizzazzjoni tal-metodi ta' rappurtar tal-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra mis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u kunsiderazzjoni tal-ispeċifitàjiet ta' kull Stat Membru.***

L-art agrikola u dik tal-forestrija tkopri 40.9 % u 39.8 % rispettivament tas-superficcje tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, id-daqs, il-kwalità u l-proporzjon tal-art użata għall-agrikoltura u l-forestrija jvarjaw ħafna bejn il-pajjiżi, u jillimitaw jew jiffavorixxu l-kapaċità ta' kull Stat Membru li jipparteċipa fl-isforz kollettiv tal-assorbiment tal-gassijiet serra.

---

<sup>1</sup> AFOLU : Agrikoltura, forestrija u użi oħrajn tal-art. Dan is-settur jinkludi s-settur attwali tal-LULUCF (art tal-forestrija, art agrikola inkluż bwar, art mistagħdra, art artifiċjali u art oħra) u l-parti agrikola "mhux tas-CO<sub>2</sub>" li attwalment tinsab fir-Regolament dwar il-kondiviżjoni tal-isforzi.

Il-kunsiderazzjoni ta' dawn l-ispeċifitàjiet nazzjonali għandha, skont il-Kummissjoni, tagħmilha possibbli li tiġi stabbilita distribuzzjoni ġusta tal-isforz allokat lil kull Stat Membru.

Matul id-diskussjonijiet fil-Kunsill, il-Kummissjoni setgħet tiċċara għadd ta' punti metodoloġiċi fil-proposta tagħha, wara mistoqsijiet minn diversi Stati Membri rigward l-inċertezzi dwar il-kalkolu tal-bjar tal-karbonju u l-kompilazzjoni tad-data tal-inventarji nazzjonali. It-titjib metodoloġiku tal-inventarji maż-żmien x'aktarx li jkollu impatt sinifikanti fuq il-kalkolu tal-bjar tal-gassijiet serra tas-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija. Fil-proposta tal-Kummissjoni huwa previst mekkaniżmu ta' "korrezzjoni teknika" biex tiġi indirizzata din l-isfida.

Diversi delegazzjonijiet appellaw għal aktar flessibbiltà sabiex tintlaħaq il-mira nazzjonali tagħhom.

## ***2. Kunsiderazzjoni tal-perikli klimatiċi u bijoloġiċi speċifiċi għas-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija.***

L-agrikoltura u s-settur LULUCF huma minnhom infushom soġġetti għal diversi perikli naturali u bijoloġiċi, li mistennija jżiedu bħala riżultat tat-tibdil fil-klima. L-avvenimenti meteoroloġiċi eċċezzjonali (għata, nixfiet, nirien fil-foresti, maltempati, eċċ.) ser ikollhom impatt qawwi fuq il-bjar tal-karbonju tas-settur tal-art tal-Istati Membri. F'dan il-kuntest, il-mekkaniżmi ta' flessibbiltà huma inklużi fil-proposta tal-Kummissjoni, b'mod partikolari biex jitqiesu l-ispeċifitàjiet tal-forestrija tal-Istati Membri, il-varjazzjonijiet minn sena għal sena fis-settur jew il-fluttwazzjonijiet marbuta mad-disturbi naturali.

Fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill, diversi delegazzjonijiet talbu għal kjarifika rigward l-inklużjoni ta' disturbi naturali fil-mekkaniżmi ta' flessibbiltà u l-kondizzjonijiet ta' aċċess tagħhom. Huma talbu biex jittieħed kont xieraq tal-effett tal-perikli naturali u bijoloġiċi fuq il-kapaċità ta' assorbiment tal-gassijiet serra tas-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija, bħall-avvenimenti estremi (maltempati, nirien, pesti, nixfiet) u l-impatt fit-tul tat-tibdil fil-klima. Huma enfasizzaw ukoll il-ħtieġa għal aktar flessibbiltà fl-istabbiliment tal-miri annwali.

**3. *Ħolqien ta' settur tal-AFOLU li jinkorpora l-emissjonijiet mhux tas-CO2 mill-agrikoltura (metan, ossidu nitruż) bil-mira kollettiva ta' newtralità karbonika fl-2035.***

L-abbozz ta' rieżami jinkludi, mill-2031 'il quddiem, il-ħolqien ta' pilastru tal-AFOLU li jiġbor l-emissjonijiet u l-assorbimenti tas-CO2 mill-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art, il-forestrija, il-ħamrija u l-bijomassa agrikoli (attwalment taħt LULUCF) u l-agrikoltura "mhux tas-CO2" (attwalment taħt ir-Regolament dwar il-kondiviżjoni tal-isforzi)<sup>2</sup>. Permezz ta' dan il-qafas unifikat, il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb il-koerenza u l-integrazzjoni tal-politiki pubbliċi differenti tal-ġestjoni tal-art, u b'hekk tippermetti rikonossiment aħjar tar-rwol tal-agrikoltura u tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti fil-politika tal-Unjoni dwar il-klima.

F'dan il-kuntest, fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat il-valur tal-mekkaniżmi ta' appoġġ u l-inċentivi għall-bdiewa u l-forestiera biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom u jżidu l-qbid u l-ħżin tal-karbonju fl-art jew fil-foresti tagħhom.

Għall-perijodu ta' wara l-2030, fir-rigward tat-tqassim tal-mira tan-newtralità fl-2035, l-Istati Membri huma meħtieġa jikkontribwixxu għall-kisba tal-mira kollettiva u għandhom jispjegaw kif biħsiebhom jagħmlu dan fil-pjanijiet nazzjonali integrati aġġornati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima sa Ġunju 2024. Abbażi tal-pjanijiet preżentati, il-Kummissjoni ser tipproponi, sal-aħħar tal-2025, miri individwali għall-Istati Membri u miżuri fl-UE kollha għal wara l-2030. Il-miri individwali għal wara l-2030 għall-Istati Membri ser ikunu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt u għal proposta leġiżlattiva ġdida.

\*\*\*

Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-ministri huma mistiedna jagħtu l-fehma tagħhom dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

---

<sup>2</sup> L-emissjonijiet mill-agrikoltura relatati mal-użu tal-enerġija biss huma esklużi mis-settur tal-AFOLU.

1. *Sa liema punt għandhom jiġu armonizzati l-metodi għat-tfassil tal-inventarji sabiex jiġi żgurat trattament ġust tal-Istati Membri filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tal-agrikoltura u tal-forestrija ta' kull pajjiż?*
  2. *Taħseb li l-proposta tal-Kummissjoni tippermetti kunsiderazzjoni adegwata tad-disturbi naturali fil-valutazzjoni tal-isforzi tal-Istati Membri biex jiksbu l-miri tagħhom?*
  3. *Sa liema punt il-ħolqien ta' pilastru uniku tal-AFOLU li jinkludi l-emissjonijiet u l-assorbimenti kollha mis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u li għandu l-għan li jikseb newtralità għall-AFOLU fl-2035 jagħmel il-politiki tal-ġestjoni tal-art aktar konsistenti?*
-